MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 757/2001/1

**Paul u Mary konjugi Aquilina**

**Vs**

**Anthony u Grace konjugi Pavia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira maltin (Lm1323.00,0) bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol ta' installazzjoni ta' dawl, ilma, drenagg u komunikazzjonijiet ohra li saru minn Paul Aquilina, fil-propjeta' taghhom f'Birguma xoghol li sar f'interess u fuq inkarigu taghhom kif ukoll is-somma ta' Lm319.72 bhala VAT fuq servizzi tal-attur, b'kollox elf, sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1642.72,0).

B’ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta’ Mejju 2001, tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Gunju 2001, bl-imghaxijiet legali mill-istess data. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

Fl-ewwel lok illi l-atturi qed jippretendu hlas ta’ xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti;

Fil-tieni lok u bla pregudizzju illi l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-attur Paul Aquilina ghall-konvenuti, huwa ferm oltre dak miftiehem bejn il-partijiet kontendenti u addirittura huwa oltre il-valur fuq is-suq lokali relattiv ghall-istess tip ta’ xoghlijiet;

Fit-tielet lok u bla pregudizzjoni illi l-valur ta’ VAT maghdud mill-atturi fuq is-somma pretiza minnhom huwa ferm esagerat u bl-ebda mod ma jirrispekkja il-15% taxxa kontemplat fil-Ligi;

Fir-raba’ lok u bla pregudizzjoni ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuti lill-atturi stante li l-istess konvenuti hallsu dak kollu minnhom dovut ghat-tip ta’ xoghol esegwit lilhom mill-attur Paul Aquilina, u dana kollu kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghalhekk it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-8 ta’ April 2002 (fol 13 ibid) u dan in rigward in-nomina ta’ espert tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku kif ukoll l-atti kollha annessi mal-istess relazzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 71 tal-atti.

Rat in-nota tal-konvenuti a fol 82 et seq ibid kif ukoll ir-risposti tal-istess perit tekniku a fol 87 et seq ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Qorti rat u analizzat ir-relazzjoni sottomessa mill-espert tekniku u minnha ghandhom jirrisultaw is-segwenti fatti:-

a) L-attur jidher li esegwixxa in generali l-appalt moghti lilu skond l-arti w is-sengha rikjesta minnu.
b) Difatti jidher mill-istess relazzjoni illi l-Perit Tekniku ra w ikkonstata biss zewg nuqqasijiet da parti tal-attur, liema nuqqasijiet jidhru li huma <u>minimi</u> u <u>mhux sostanzjali</u>. Dawn in-nuqqasijiet huma xoghol li ma giex esegwit stmat Lm50 u xoghol li sar fuq is-sistema tal-antenna tat-televisjoni li ma kienx sar kif rikjest mill-arti w is-sengha u li gie stmat Lm112.50,0. A basi ta' dan, f'dan il-kaz fejn, kif di gja inghad, dawn in-nuqqasijiet huma <u>minimi</u>, l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jitnaqqas bis-somma ta' Lm162.50,0.
c) In rigward dak mitlub bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud, ghandu jkun hemm tnaqqis minhabba dak li ntqal fil-paragrafu (b) "supra", l-ammont specifikat fl-avviz ossija Lm319.72,0 ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' Lm24.38,0.
d) Ghandu jigi sottolineat illi l-konvenuti di gja ghandu diversi pagamenti bbazati fuq ir-rati tax-xoghol kkwotati mill-istess attur, liema rati jidhru li kienu ragjonevoli u accettati mill-konvenuti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti wara li jsir it-tnaqqis kif hawn fuq speciifkat u cjoe <u>Lm1160.50,0</u> bhala bilanc dovut fuq il-prezz ta' xoghol esegwit mill-attur u <u>Lm295.34,0</u> bhala taxxa fuq is-servizzi resi mill-attur.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' <u>Lm1160.50,0</u> bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' xoghol ta' istallazzjoni ta' dawl, ilma, drenagg u

komunikazzjonijiet ohra esegwiti mill-attur fil-propjeta' tal-konvenuti f'Birguma, xoghol li sar f'interess u fuq inkarigu tal-konvenuti kif ukoll is-somma ta' Lm295.34,0 bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq is-servizzi resi mill-attur, b'kollox Lm1455.84,0 u dan bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tal-17 ta' Mejju 2001 u ta' dik ufficjali tal-21 ta' Gunju 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------